MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 61/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Romain Antoine Nikolas Steven u b'digriet moghti fit-28 ta' Ottubru 2005 gie mahtur Dr. Mario Scerri bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-konvenut stante li jinsab assenti minn dawn il-gzejjar**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

" Illi l-konvenut ghandu jigi ikkkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tmien centezmi (Lm345.08) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-telefone bin-numri 21566198 u 21566197 (Acc. No. 10221996), liema servizz gie installat fil-fond bin-numru tlieta u tletin (33) Triq Wied is-Simar, Qala, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja ta' l-applikazzjoni u service agreement hawn

annessi u immarkati bhala Dokument ‘A’ u ‘B’ rispettivament.

Bl-ispejjes koprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“1. Illi l-eccipjenti mhuwies edott mill-fatt li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant jirrizerva li jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt in kontestazzjoni tat-talbiet attrici wara li jigi provdut lilu l-indirizz fl-esteru tal-konvenut Steven Romain Antoine Nikolas u jirnexxielu jikkomunika mieghu u jsir jaf ahjar minghandu l-verzjoni tieghu dawr il-fatt in kawza;

2. Illi finalment l-eccipjenti jirrimetti ruhhu ghall-gudizzju ta’ dan it-Tribunal fuq il-provi kollha li jigu migbura;

3. Illi l-ispejjez tal-kuratur ghandhom jigu akkollati lis-socjeta’ attrici;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Ra n-nota li permezz taghha t-talba attrici giet ridotta ghal LM195.08

Sema’ d-deposizzjoni ta’ Joseph Azzopardi rapprezentant tas-socjeta attrici u ra d-dokumenti minnu esibiti

U billi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata

Jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM195.08 ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon kif deskritt fl-avviz tat-talba bl-ispejjez komprizi tal-VAT fuq drittijiet professjonali tal-avukati u bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------